# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1936

## BDEW JIFHMU

Iwa, ħafna bdew jifhmu illi hu dmir ta' kull Malti li jħares, jagħni u jorqom kemm jista' l-kelma maltija.

Aħna din il-kelma għandna: ġejja mnejn hi ġejja, hi kif inhì, din hi l-kelma tagħna; u liema hu dak il-ġens għaqli li ma jħobbx il-kelma tiegħu?

Xi wħud għadhom igħidu: Imma x'tiswielna din il-kelma? Min għandu kelma mrawma, maħduma, miktuba f'letteratura kbira u sabiħa, ħalli jħobbha u jqimha lill-kelma tiegħu, għaliex hi taqdih biex ifisser il-ħsebjiet tiegħu lil ġnus oħra fil-kummerċ, fil-politka, fix-xjenza: iżda meta din il-kelma ma hix imrawma, ma hix maħduma f'letteratura kbira qawwija, sabiħa, u flok ma tgħaqqadna ma' ġnus oħra aktarx tifridna minnhom, għalfejn taħli żmienek magħha? Għalfejn taħli għaqlek u qalbek tagħni u ssebbaħ ħaġa li ma tiswilekx?

Aħna naħsbu li dawn il-fliena li jitkellmu hekk, jew ma jitkellmux b'qalbhom f'idejhom, inkella għandhom dehenhom ftit u xejn igħar. Għaliex, ħaġa minn-awl-id-dinja, il-ġnus li l-lum għandhom kelma mrawma u maħduma f'letteraturi tal-għaġeb, bħal ma huma l-Ingliżi, it-Taljani, il-Franċiżi, it-Tedeski u bosta ġnus oħra, ma kellhomx il-lsien tagħhom imrawwem u għani minn l-ewwel: kien hemm xi żmien meta dak il-lsien kien għadu, biex ingħid hekk, miġbur fil-ġewża, u biex

fetaħ u ssawwar fil-warda tal-lum ħtiġulu bosta u bosta snin; u kieku n-nies ta' dak iż-żmien tħaddtu u ġiebu ruħhom bħal ma jitħaddtu u jġibu ruħhom dawn il-fliena tagħna, dawk l-ilsna ma kienu jitrawmu qatt anqas jinħadmu fil-letteraturi tal-għaġeb li semmejna: mela, dan, bil-maqlub ta' li jgħidu, imissu jħeġġiġna iżjed biex inħaddmu, inkabbru u nsebbħu l-kelma maltija, għaliex hekk biss tista' għada bitgħada tiftaħ f'letteratura xierqa lil ġens għaqli, ħawtiel, qalbieni, li jaf żmenijiet qodma, u li għandu isem sabiħ fl-istorja taċ-ċiviltà.

Iżda nerġgħu pass lura. Minnu li l-kelma maltija ma tiswielna għalxejn, lilna l-Maltin?

Jekk inħarsu min-naħa tal-kummerċ ma' ġnus oħra nistgħu ngħidu li ma tiswielna xejn; iżda jekk inħarsu minn ħafna naħiet oħra l-kelma maltija tiswielna daqs kemm tiswa l-kelma ingliża lill-Ingliżi, it-taljana lit-Taljani, il-franċiża lill-Franċiżi.

Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss: hemm ħwejjeġ oħra li jiswew daqs il-ħobż, u oħrajn li jiswew bosta aktar. It-trobbija tat-tfal fuq sisien tajba; it-tagħlim ta' prinċipji morali sħaħ liż-żgħażagħ; it-tagħlim fuq il-ħajja fuq is-saħħa, fuq l-imġiba xierqa fis-soċjetà huma kollha ħwejjeġ ta' siwi bla tarf, li mingħajrhom il-bniedem qatt ma jista' jieħu dik is-sura ta' ġieħ, ta' safa, ta' hena li tixraqlu tas-sew fil qagħda tiegħu ta' bniedem u ta' nisrani. Iżda min ma jafx li dan it-tagħlim lit-tfal u liż-żgħażagħ ma jistax isir sewwa ħlief bil-kelma tagħhom, jiġifieri, b'dik il-kelma li huma semgħu u tgħallmu minn ommhom, u li huma jifhmu bla tbatija, u li biha jitħaddtu u jfissru ħsebijiethom u qlubhom fil-ħabtiet kollha tal-ħajja ċkejkna tagħhom?

Smajna aktar minn darba lil xi wħud igħidu, issa b'leħen ta' mogħdrija u issa b'leħen ta' tmaqdir, illi

n-nies tagħna barra mill-ibliet u xi wħud minn dawk ta' l-ibliet għadhom lura, injoranti fil-ħwejjeġ kollha, u malli jsibu ruħhom quddiem nies li għaddew ilquddiem jinfixlu u jitħabblu bħal agħsafar ġox-xbiek.

Dan jista' jkun minnu, u, ngħiduh bla tlaqliq, għal xi medda hu minnu tassew. Iżda ta' min il-ħtija ?

Min ma tgħallemx, jew ma riedx jitgħallem, jew ma satax jitgħallem, il-Maltin, bħal ġnus oħra, dejjem riedu, bħal ma għadhom iridu, jitgħallmu : iżda ried ikollhom min igħallimhom u fuqiex jitgħallmu, u dawn iż-żewġ ħwejjeġ il-Maltin tar-rħula fiż-żmien l-imgħoddi ma kellhom qatt.

Aħna naħsbu illi kieku fiż-żmenijiet ta' qabilna kien hawn aktar nies għorrief ta' fehma tajba u ta' qalb mixgħula bl-imħabba tal-Pajjiż u ta' ġenshom, bħalma kienu Don Lodoviku Mifsud Tommasi, Richard Taylor, il-Prof. G. A. Vassallo, il-Prof. Zerafa, Dr. G. C. Grech Delicata, il-Kanonku Fortunato Panzavecchia, Dun Amabile Sisner, Annibale Preca, Ant. Emm. Caruana, u tgħallmu, kif kien imisshom, is-sengħa tal-kitba maltija u taw lit-tfal, lix-xbejbiet u lir-rġiel tar-rħula tagħna kotba sbieħ u fejjieda bil-malti, dan il-għajb li jdellel fil-għajnejn ta' bosta min'na 'n-nies tar-rħula u oħrajn ta' l-ibliet, kien ikun bosta iżgħar, u huma kienu jkunu wisq aktar tajbin, wisq aktar ħenjin u wisq aktar dħulija.

Aħna fuq il-kelma maltija dejjem tkellimna minn qalbna, għax aħna nħobbuha fis-sewwa u fil-ġid li tista' tagħmel, u naħsbu li dawn il-fehmiet li fissirna hawn fuq, huma t-trieq li minnha għaddejjin ħafna kittieba tajba li issa *bdew jifhmu.*